

Brussell, 2 ta' Marzu 2021  
(OR. en)

6130/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0011 (NLE)**

---

UD 50  
CID 7  
TRANS 76

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv stabbilit mill-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti koperti b' Carnets tat-TIR, fir-rigward tal-emendi għal dik il-Konvenzjoni

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...**

**ta' ...**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fil-Kumitat Amministrattiv stabbilit mill-Konvenzjoni Doganali  
dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti koperti b'Carnets tat-TIR,  
fir-rigward tal-emendi għal dik il-Konvenzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti koperti b' Carnets tat-TIR tal-14 ta' Novembru 1975 (il-“Konvenzjoni TIR”) ġiet approvata f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2112/78<sup>1</sup> u daħlet fis-seħħ, fir-rigward tal-Komunità, fl-20 ta' Ġunju 1983.
- (2) Verżjoni konsolidata tal-Konvenzjoni TIR ġiet ippubblikata bħala Anness tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2009/477/KE<sup>2</sup>. Dik id-Deċizzjoni tipprevedi li l-Kummissjoni trid tippubblika emendi futuri għall-Konvenzjoni TIR f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u tindika d-data meta dawn jidħlu fis-seħħ.
- (3) Taħt il-Konvenzjoni TIR, il-Kumitat Amministrattiv stabbilit mill-Konvenzjoni TIR (il-“Kumitat Amministrattiv”) jista' jadotta emendi għall-Konvenzjoni TIR u l-Annessi tagħha b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu preżenti u li jivvotaw.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2112/78 tal-25 ta' Lulju 1978 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Doganali fuq it-trasport internazzjonali ta' oġġetti taħt il-carnets TIR (Konvenzjoni TIR) tal-14 ta' Novembru 1975 f'Ġinevra (ĠU L 252, 14.9.1978, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2009/477/KE tat-28 ta' Mejju 2009 li tippubblika f'forma konsolidata t-test tal-Konvenzjoni Doganali dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti ta' merkanzija li jaqgħu taħt il-carnets TIR (Konvenzjoni TIR) tal-14 ta' Novembru 1975 f'Ġinevra kif emendata minn dik id-data 'l hawn (ĠU L 165, 26.6.2009, p. 1).

- (4) Matul l-74 sessjoni tiegħu mid-9 sat-12 ta' Frar 2021 jew f' sessjoni sussegwenti, il-Kumitat Amministrattiv irid jadotta diversi emendi għall-Annessi tal-Konvenzjoni TIR.
- (5) Sabiex jittieħed kont tal-emenda adottata preċedentement tal-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni TIR, li żiedet l-għadd totali ta' uffiċċji doganali li jistgħu jkunu involuti f' operazzjoni TIR, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Anness 1 tal-Konvenzjoni TIR u jiġi aġġornat it-tfassil tal-Verżjoni 1 u l-Verżjoni 2 tal-mudell tal-Carnet tat-TIR.
- (6) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f' isem l-Unjoni fil-Kumitat Amministrattiv fir-rigward tal-emendi għall-Konvenzjoni TIR, peress li dawk l-emendi se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (7) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Amministrattiv tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-emendi mehmuż ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Amministrattiv stabbilit mill-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti koperti b' Carnets tat-TIR, matul l-74 sessjoni tiegħu mid-9 sat-12 ta' Frar 2021 jew f' sessjoni sussegwenti, fir-rigward tal-emendi għal dik il-Konvenzjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-emendi mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Jista' jintlaħaq qbil dwar modifiki żgħar fl-abbozz tal-emendi mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Amministrattiv mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

### *Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni meta jittieħed vot formali fil-Kumitat Amministrattiv, filwaqt li jaġixxu b' mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---